# Ċentru Antida

The Reception Centre of the
St Jeanne Antide Foundation - SJAF

***SJA FOUNDATION***
Reception Centre
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

**VO/0005/4th Mav 2008**

***Monthly Newsletter – Issue No.19 February 2009***

*..cont. from Jan. Issue*

## The Samaritan

What you spend more I will make good for it on my return… Have you heard it, lord of the Inn?

You, innkeeper and friend of the Samaritan coming from afar?

You, neo Samaritan of the man already saved by the Samaritan Jesus!!

You, neo Samaritan of the man already taken away from the street, far from thieves, already redeemed by the passing of the Son of God in human history. Have you heard? You are not his debtor, but he will be in debt with you! Love towards your brother will make you creditor to God!

What you "spend" more above, God will take note of it in his "wage-book" simply because what you spend for your brother, very often you spent it for Him! On His return, when he will sit on the throne of glory, the Son of man, the eternal King will settle his debts contracted with you, and with all those who, like you have invested in love.

**"Come, you whom my Father has blessed,
take for your heritage the kingdom prepared for you:" (Matt.25,34)**

**And who is my neighbour? Who is near me?**

We started with this question, with which the rabbi of the law meant "to tempt" Jesus, obliging him to expose himself, at the moment when the debate on the theme "neighbour" was fomenting in Israel. A strong debate, but everything within the rabbinical schools: an academic discussion.
We know Jesus' answer, we find it in the experience of the pious Samaritan.

If a question was asked by the doctor of law, Jesus' answer was also a question. "Who among these three seems to you to have been neighbour to the man who fell into the hands of thieves?" Relating the parable of the "pious Samaritan" as Jeanne Antide Thouret defines it – Jesus took a stand, and what a stand!

The neighbour? Man is a neighbour to man!
Any man…
Love has no limits!
It does not discriminate, makes no differences,
Does not accept limits of love!
Love is the measure of love!
But that is not enough!
You want to know from me
Who is your neighbour,
The one who is near you?
I, whom you
have called "Master"
- Well said! for I am -
Well! I myself will tell you
not he who is near you
but him to whom you must be a neighbour!
Not the one who is near you, but him to whom you must be neighbour!

**I have understood very well, Rabbi of Nazareth. Yes, I have understood well, Doctor of the Law, but still a pupil in Love!**
**I am the neighbour, if I notice the "wounded" brother who lies along the street of life, along which I travel every day. I am the neighbour, if I see him and bend on him with compassion! If I take him in my life; if for him I am ready to invest all the talent of love.**
**Very simply, every time that I make this to just one of the least of your brothers, I know I am doing it to You!**

**Always more a pupil and less a doctor, I believe to have understood well that in the experience of the compassionate Samaritan, there is the right answer to my mistaken question: not someone who is near me, but someone to whom I am near, no longer someone who loves me, but someone, many, and many others to be loved!…**

**Rabbi of Nazareth, how do you love?**

The day ends here for the school Master of Nazareth!
And the life of that unruly, but sincere pupil starts afresh here… It starts afresh in the company of the Rabbi of Nazareth once again he sets out on the road that goes from Gerico to Jerusalem, where the Master will teach him, no longer in words, but with facts, not with parables but with his own life, that he "came not to be served but to serve.. (Matth.10,45)

## Go And you too, do likewise!

# NEWS UPDATE

## Teams of the Reception Centre Services

### *Homework Support Service – SJAF Learning Support Programme*

February came with lots of rain and cold and this inevitably led to a few absences for the users of the Homework Support Service. However, it seems that our beginning-of-the-year appeal to parents yielded results as most of our service users informed us beforehand of their inability to come. We offered no services during the Carnival holidays and resumed our sessions, as normal, on Wednesday 25th .

We have ended service provision with two users due to repeated absences over a long period of time. In the meantime, we have admitted a five year old and have interviewed the parents of a prospective user. We feel that we should be able to offer our services to the latter since Rita Scarfe is back.

*Jessie Spiteri,* Co-ordinator, Homework Support Service

### *Friendship Team*

Bħalissa il- "Friendship Team" huwa magħmul minn tlettax-il membru. Ħamsa minn dawn jiffurmaw parti mill-Kummissjoni Djakonija ta' Ħal Balzan. Dawn ing]aqdu mag]na biex jakkumpanjawna biss għaż-żjajjar ġewwa il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Il-bqija tal-membri jżuru lill-anzjani li jħossuhom weħidhom jew morda u lill-familji vulnerabbli.

***Żjajjar ġewwa l-Facilità Korrettiva ta' Kordin*** - Bi pjaċir inħabbru illi fl-aħħar għandna l-permess min-naħa tal-Aġent Direttur tal-Ħabs biex inkomplu biż-żjajjar tagħna ġewwa l-Faċilita' Korrettiva - sezzjoni nisa. Dan il-permess dam ftit mhux ħazin sakemm gie mogħti, u għalhekk għal dawn l-aħħar ftit xhur, il-viżti ġewwa l-Faċilita' ma setgħux jsiru. Madanakollu aħna nifhmu illi l-proċeduri huma stretti u jridu jsiru il-kontrolli kollha meħtieġa sabiex is-serjetà u l-etika tibqa' tiġi mħarsa ġewwa l-Facilità. Min-naħa tagħna, aħna nħossuna ferm kuntenti illi minkejja li issa żdiedet iktar il-burokrazija sabiex wieħed jista' jżur lill-ħabsin, napprezzaw illi l-permess ingħata proprju minħabba x-xogħol siewi illi s-Sorijiet wettqu għal snin sħaħ ġewwa dan il-post.

***Il-'Friendship Team' jgħin anzjana fil-bżonn*** - F'dawn l-aħħar ftit xhur, xi membri tal-'Friendship Team' kellhom lopportunità jpoġġu l-għan ta' dan it-Team fil-prattika. Diversi xhur ilu konna tgħarrafnilkom xi ħaga dwar Doris, dik lanzjana illi kienet toqgħod waħediha ġewwa d-dar tagħha, liema dar ma kienitx fi stat abitabbli. Ġara illi waħda mis-sisters tat-Team tagħna, Sr. Dositea, ġiet trasferita erba' passi l-bogħod minn fejn toqgħod Doris. Sor Dositea bdiet iżżomm kuntatt regolari ma' Doris, kemm permezz ta' żjajjar, kif ukoll permezz tat-telefon. Kien proprju meta Doris ma rrispondietx it-telefon illi s-Sor Dositea marret id-dar tagħha u hemm skopriet illi din kienet waqgħet u bl-ebda mod ma setgħet tqum, la biex tirrispondi t-telefon u wisq inqas biex tiftaħ il-bieb. Intlabtet l-għajnuna tal-Protezzjoni Ċivili biex Doris inħarġet mill-post u ttieħdet l-isptar għal-kura.



Sirna nafu illi Doris kienet ilha diversi siegħat mal-art u kieku ma kiens għall-interess li ħadet Sor Dositea, ma nafx x'kien isir minnha. Għalkemm Doris għadha l-isptar, hi għamlet progress kbir u qiegħda terġa' tikseb ftit mobilità. Kellna l-opportunità li nżuruha kemm-il darba. L-imħabba, ir-rispett u l-fiduċja illi nibtet bejnietna, speċjalment bejnha u bejn Sor Dositea hija tanġibli ħafna. Bħalissa qegħdin naħdmu id f'id mas-'social workers' u l-konsulenti ta' l-isptar, bl-għajnuna ta' Sr. Rose, biex flimkien insibu l-aħjar soluzzjoni fl-aħjar interess ta' Doris.

Nħoss illi din kienet esperjenza fejn poġġejna fil-prattika dak illi l-'Friendship Team' jitlob minnha – li nuru l-imħabba tagħna lejn persuni illi verament għandhom bżonnha; persuni illi jinsabu waħedhom; persuni illi fina jsibu ħbieb ta' veru meta jinħtiegu l-għajnuna.

*Caroline Cortis,* Friendship Team Co-ordinator

# AĦBARIJIET MILL-FONDAZZJONI

## Taħriġ kontinwu għall-ħaddiema

**6 ta' Frar:** Sr Josephine Piscopo u Nora bdew jattendu kors ta' 4 laqgħat filgħaxija dwar ***L-Immigrazzjoni Irregolari – it-tweġiba Nisranija*** organizzat mill-Kummissjoni Djakonija ta' Ħal Balzan u l-Jesuit Refugee Service (JRS). Il-kors tmexxa mill-JRS u ntemm fis-27 ta' Frar.



**7 ta' Frar**: Sr Rose Rizzo (Community Social Worker) u Vivien Cassar (Counselling Co-ordinator) ipparteċipaw f'**Konferenza Nazzjonali** ta' jum bl-isem ta' ***Iż-Żwieġ – Qua Vadi****s.* Il-Konferenza ġiet organizzata mill-isħab tal-Proġett Impenn - il-Kummissjoni Djoċeżana Familja, il-Moviment ta' Kana u l-Caritas Malta. It-transcript tad-diskors ewlieni minn espert mill-UK tqassam elettronikament lill-ħaddiema u kollaboraturi kollha tal-Fondazzjoni. Min jixtieq kopja jsaqsi Miriam għal *print out*.

**14 ta' Frar**: Nora ipparteċipat f'laqgħa għall-għaqdiet mhux governattivi bit-titlu ta' ***Sehem is-Soċjetà Ċivili fil-Proċess ta' Konsultazzjoni*** organizzata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni (Dr Chris Said LL.D, M.P.), mill-Malta EU Steering and Action Committee (MEUSAC) u mill-MCESD. Tkellem ukoll il-Kummissarju għall-Għaqdiet Voluntarji, il-Prof Kenneth Wain. Il-laqgħa kienet tirrigwarda l-għajnuniet offruti mill-MEUSAC lill-għadiet reġistrati.

Fi Frar ukoll, Vivien Cassar u M'Claire Farrugia ipparteċipaw f'żewġ seminars organizzati mill-Adlerian Psychology Society ta' Malta.

Il-Voluntiera li jaħdmu bħala Receptionists u dawk li jżuru persuni vulnerabbli f'darhom ħadu sehem f'taħriġ dwar il-*Code of Practice* għal voluntiera li jaħdmu fil-qasam soċjali.

## Il-Proġett Vinċi tal-Fondazzjoni – ħidma komunitarja mill-qrib mar-residenti tal-housing f'Ħal Kirkop

Il-ħidma baqgħet għaddejja. Kif tafu, dan il-proġett huwa kummissjonat mill-Kummissjoni Nazzjonali Familja (KNF) tal-Ministeru għal-Politika Soċjali. Il-Proġett Vinċi jinvolvi ħidma komunitarja fi 3 zoni tal-*housing* pubbliku f'Ħal Kirkop.

**Ħidma matul Frar**: Matul dan ix-xahar bdew jinvolvu ruħhom ukoll żewġ studenti tas-Social Work tar-raba' sena – Kimberley Vella u Ruth Brincat. Bħal Pauline u Claire (Community Outreach Workers), Ruth u Kim bdew jappoġġjaw numru ta' residenti adulti u żgħażagħ. Ruth u Kim qed jgħinu żgħażagħ bla xogħol li lanqas biss m'huma reġistrati ma' l-ETC, u li huma membri tal-Grupp ta' Żgħażagħ mibdi mill-Fondazzjoni, sabiex iħejju CV, japplikaw għal NI number, jirreġistraw u jippruvaw isibu xogħol regolari flok xogħol irregolari. Pauline qed tgħin żewġ ġuvintur jitgħallmu jiktbu u jaqraw. Matul Frar, Claire ħadmet mat-tim tal-Klabb NannaKola biex titgħallem tmexxi wieħed hi ħalli tibda wieħed f'Ħal Kirkop. Claire u Pauline baqgħu jiżviluppaw kuntatti u jrawmu relazzjonijiet ħajjin ma' familji li jgħixu fil-blokkijiet tal-housing. Josef (Youth Worker) baqa' għaddej bil-ħidma ma' żgħażagħ vulnerabbli.

Fis-**7 ta' Frar – Seminar dwar Ħal Kirkop:** Nora ħiet mistiedna mill-Kunsill Lokali biex tagħmel preżentazzjoni dwar il-Proġett Vinċi tal-Fondazzjoni lill-grupp ta' attivisti Koppin u mexxejja ta' l-istrutturi tal-Parroċċa u Kinsill Lokali. Il-powerpoint presentation tpoġġiet fuq il-website tal-Fondazzjoni għal min jixtieq jaqraha. Kelliema Koppin tkellmu dwar aspetti ewlenin marbuta ma' l-ambjent, l-edukazzjoni, l-iżvilupp soċjali u l-isports. Il-Kappillan, Fr Noel Camilleri, u Nora tkellmu dwar l-iżvilupp soċjali tal-lokal. Sr Salvina Bezzina, iċ-Chairperson tal-Board of Governors tal-Fondazzjoni, attendiet ukoll. Attendew ukoll Pauline Agius, Community Outreach Worker fi ħdan il-proġett u iż-żewġ studenti tas-Social Work li kienu għadhom se jibdew il-prattika ta' 400 sigħa mal-Fondazzjoni. Il-parteċipazzjoni tagħhom għenithom jidħlu fl-isfond ta' ħidma fil-komunità billi huma għażlu li jipprattikaw is-Social Work f'kuntest ta' komunità lokali. Huma se jkunu qed jipprattikaw f'Ħal Tarxien u f'Ħal Kirkop.

Fis-**27 ta' Frar – Żgħażagħ mill-proġett f'laqgħa formali mas-Sindku:** Josef u Nora akkumpanjaw grupp ta' 6 żgħażagħ miz-zona tal-housing għal laqgħa uffiċċjali mas-Sindku, is-Sur Mario Salerno. Il-grupp, kompost minn Jean Paul, Christian, Sammy, Redeemer, Anthony, u Brandon - ilkoll bejn l-14 u 17-il sena – ippreżentaw lis-Sindku b'disinji li ħejjew sabiex iressqulu xi suġġerimenti dwar ħtiġijiet ta' tiswijiet, tranġar u tisbiħ tal-ambjent tal-madwar. Il-laqgħa saret bejn is-5.45 u s-7.00 ta' filgħaxija u se tkun l-ewwel waħda minn sensiela ta' laqgħat ta' din ix-xorta bejn iż-żagħżagħ u s-Sindku. Ġie miftiehem li l-ewwel biċċa xogħol konkreta li se jwettaq il-grupp bħala kontribut konkret lill-lokal tagħhom, se jkun it-tibjid taċ-Ċentru Soċjali li jinsab qrib il-bini proviżorju tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill se jforni lill-grupp biż-żebgħa u xi materjali oħra li jkun hemm bżonn. Anthony (14-il sena) qed iħejji il-minuti biex jintbagħtu lis-Sindku. Il-grupp bħalissa qed ifittex isem u qed jikkonsidra jaħtar Kumitat ta' tmexxija ħalli jħossu aktar stabbilit.

## LEAP (Learning Support Programme)
## (jinkorpora il-Homework Support Service, il-Programme Bridge u l-Korsijiet għall-persuni adulti li ngħinu)

Il-**Homework Support Service** baqa' miexi ħarir. Il-Koordinatriċi Jessie tirrapporta dwar dan band'oħra f'din in-Newsletter. Tnejn mit-Tutors: Wendy Wallace u Graziella Tully, qed jagħmlu *practicum* ta' 50 sigħa fi ħdan dan is-servizz bħala parti mid-***Diploma in Inclusive Education*** immexxija mid-Dipartiment tal-Psikoloġija ta' l-Università ta' Malta. It-tfal sejrin tajjeb. Waħda minnhom, studenta fil-Form 3 li qatt ma kienet tgħaddi mill-eżamijiet ta' l-Ingliż, did-darba kisbet 61 marki.

Il-**Programm Bridge**: dan baqa' għaddej matul Frar. It-Tutors huma: Lina Ciantar, Mary Casha, Joe Abela, Grace Camilleri u Anna Friesenegger. Nhar t'Erbgħa, Lorraine Galea, studenta ta' l-ewwel sena tas-Social Work li qed twettaq practicum ta' 50 sigħa mal-Fondazzjoni, kompliet taħdem ma' parteċipanti li jeħtieġu attenzjoni individwali.

It-3 korsijiet dwar il-**ħiliet bażiċi fl-użu tal-kompjuters** organizzati mill-Fondazzjoni għal service users u voluntieri ntemmu fi Frar. Ħajr lit-Tutor Joe Abela li mexxa l-korsijiet b'ħila u b'pass li bih kull parteċipant seta' jifhem u jlaħħaq.

Fi Frar inbeda **grupp** ieħor dwar is-**Self-Esteem** li għalih qed jipparteċipaw 12-il service user. Grazzi lill-faċilitatur tal-grupp Astrid Camilleri tal-kontribut validu tagħha. Għandna talba min-nanniet li temmew il-kors tal-Klabb NannaKola f'M'Scala biex jiġi organizzat grupp għalihom fuq it-tema ta' l-istima tiegħek innifsek.

## Caring for the Carers Programme

Il-**Klabb Nanna*Kola*** ta' **M'Scala** intemm fi Frar b'ċelebrazzjoni tar-riżorsi maħluqa mill-grupp u b'quddiesa iċċelebrata mill-Kappillan Fr Walter Cauchi. Attenda wkoll is-Sindku u familjari tan-nanniet. Ingħatatilhom ċertifikat ta' parteċipazzjoni. Fil-25 ta' Frar, in-nanniet kollha żaru ċ-Ċentru Antida ħalli jiffamiljarizzaw ruħhom mas-servizzi offruti kemm ukoll biex jifhmu l-kuntest usa ta' din l-inizjattiva.

Il-Klabb Nanna*kola* ta' **Raħal Ġdid** għadu għaddej. L-Arċipriet ta' **B'Kara**, Fr Anton Cassar, għamel talba lill-Fondazzjoni sabiex, f'Ottubru li ġej, jiġi organizzat Klabb Nanna*Kola* fil-parroċċa tiegħu ukoll. Talbiet oħra deħlin minn parroċċi oħra wkoll.




Il-Counselling Co-ordinator, Mrs Vivien Cassar, baqgħet toffri appoġġ lit-tim tal-Proġett Vinċi u lill-voluntieri li jeħtieġu appoġġ jew minħabba n-natura ta' ħidma li jwettqu jew għax l-isfidi familjari jkunu qed itaqqluhom.

Sabiex inkomplu nappoġġjaw b'ħila persuni vulnerabbli li jsofru minn mard mentali u qrabathom, il-Fondazzjoni affiljat ruħha mal-Mental Health Association (MHA) ta' Malta. Nora qed tirrappreżenta lill-Fondazzjoni fuq l-eżekuttiv tal-MHA. Il-ħaddiema ta' SJAF se jkollhom l-oppotunità li jitħarrġu f'dan il-qasam. Service Users tas-servizzi tal-Fondazzjoni qed jiġu riferuti lil gruppi t'appoġġ differenti li se tibda l-MHA f'Marzu.

## Aħn'Aħwa (Mentoring Programme)

Saret laqgħa ma' Paul Dalli mill-**Maltese Mentoring Society** (MMS) sabiex jiġu esplorati modi ta' kollaborazzjoni. L-MMS lesta li toffri taħriġ lill-Mentors tal-Fondazzjoni u diġà qasmet mal-Fondazzjoni l-manwal ta' linji gwidi għal Social Mentors li ħejjiet bħala parti minn proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea.

Numru ta' Mentors temmew il-ħidma tagħhom. Qed joffru s-servizz tagħhom żewġ Writing Mentors ġodda: Charles Casha u Tony Macelli. It-tnejn qed irawmu relazzjoni ma' żgħażagħ b'diffikultà ta' saħħa mentali. Joseph Herbert ukoll beda joffri Mentoring u qed jiffoka fuq l-interess tal-kompjuters. Nora nnifisha hija Mentor ta' żewġ żgħażagħ mill-programm Bridge u ta' tfajla mill-Homework Support Service. Emily se toffri Mentoring fil-qasam ta' l-arti lil żewġ żgħażagħ. Neħtieġu aktar Mentors u qed titħejja kampanja li twassal għal recruitment ta' aktar voluntieri.

## Żviluppi

**Organisation for the Integration and Welfare of Immigrants (OIWAS):**

Sr Josephine, Sr Letizia u Sr Dositea se jibdew joffru servizz volontarju fil-Ħal Far OIWAS (HFO). L-HFO huwa Open Centre li jilqa' fih mal-50 family units – nisa li għadhom kif welldu jew li dalwaqt se jwelldu. Għal bidu se jiffukaw fuq bini ta' relazzjonijiet. Billi Sr Letizia hija Midwife kwalifikata li titkellem bl-Għarbi għax admet 30 sena l-Eġittu, se tikkonċentra fuq appoġġ għan-nisa li welldu jew tqila. Sr Josephine titkellem b'Għarbi wkoll għax ħadmet is-Sudan (12-il sena) u l-Eġittu. Hi u Sr Dositea se jiffukaw fuq tagħlim ta' ħjata u crafts. Ġie diskuss ukoll mal-Uffiċjali mill-HFO li kultant, xi voluntieri mill-Fondazzjoni jistgħu jgħinu lill-HFO fis-sorting ta' ħwejjeġ skond l-istaġun, size u gender. Jeħtieġu wkoll kultant għajnuna fit-tibjid.


Sr. Josephine & Sr. Letizia

## Studenti fuq Practicum mal-Fondazzjoni

- 11 ta' Frar: Kimberley Vella u Ruth Brincat bdew il-prattika tagħhom ta' 400 sigħa ta' Social Work mal-Fondazzjoni. Sejrin sew u f'qasir żmien saru parti mill-familja tal-Fondazzjoni. Il-Fieldwork Teacher tagħhom hija Nora. Qed jaħdmu prattikament full-time sa l-aħħar ta' April.
- Ingrid Vassallo bdiet il-prattika tagħha mal-Fondazzjoni bħala parti mir-raba' sena tad-Diploma Gestalt Psychotherapy.
- Sixth Formers Janica u Marija temmew il-practicum tagħhom ta' 20 sigħa bħala Dance Coaches ma' studenti tal-Programm Bridge.
- Graziellu Tully u Wendy Wallace dalwaqt waslu bix itemmu l-practicum tagħhom marbut mad-Diploma in Inclusive Education, fi ħdan il-Homework Support Service.
- Gianela Caligari għaddejja bil-practicum għad-Diploma in Counselling mis-CPD Malta.











Get Together *'Bla Aġenda'* - Nhar il-Ġimgħa 27 ta' Frar, grupp ta' voluntiera mill-Fondazzjoni ltqajna għand Vivien Abela fil-Qajjenza għal ħin rilessanti flimkien. Kellna bżonnu wara sena ħidma intensa bla waqfien. Sr Salvina, Miriam, Sr Rose, Lina u Nora ġew ukoll. Tkellimna fuq li tkellimna u ħadna gost insiru nafu aktar lil xulxin. Grazzi Vivien tal-akkoljenza u grazzi kulħadd ta' l-ikel. Nerġgħu nagħmluha. Għandna stedina mingħand Lina fil-Qawra u mingħand Lilly f'Għawdex!

**VISIT OUR WEBSITE**

www.antidemalta.com

*Kunċert mill-Joy Gospel Singers b'risq il-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida*






# BEAN BAGS

# FOR SALE

*Buy a bean bag and help us continue to help families in difficulty*

*Prices:*

€25 Medium Size Bean Bags
€35 Large Size Bean Bags

*For further details contact Miriam on 21808981*

# Ħsiebijiet fuq Klabb Nannakola

**Grandparent Education and Support through Nanna*Kola* Clubs – the M'Scala experience**

I am Josephine Chetcuti, ex-teacher and retired Assistant Head of School responsible for the pastoral care of students.

As a school teacher for many years, I always tried to find ways to communicate with parents or guardians, as I found through experience that unless you have a good relationship with parents, teaching their young children becomes more and more difficult. As a school administrator, I became more convinced of having a super-good relationship with parents and grandparents. Nowadays, more and more grandparents are taking care of their grandchildren while their parents are at work. So when the occasion arose, that is when Nora Macelli introduced me to the St.Jeanne Antide Foundation, I found exactly what I wanted to do after my retirement.

Thus began my involvement in the Nanna*kola* Club initiative focusing on grandparent education and support. Since I was very familiar with the school population at M'Scala, I indicated my preference to work with grandparents in my own locality and parish. Everything immediately fell into place when our new parish priest, Father Walter, liked the idea and offered all his help. Thus planning for this initiative in M'Scala started and the Club members started meeting in the parish hall every Wednesday from mid-November 2008 until mid-February 2009.

Urieth Aquilina, a teacher working with the Foundation as a Grandparent Education Co-ordinator, and Emma and Tony Pulis, both grandparents trained in facilitating family literacy initiatives at local level, and myself prepared and ran the club on the same lines as the ones run in Tarxien and the new one in Paola.

The Club takes the shape of a participatory course. It was well attended and the members were very keen to listen, discuss and act. Many important subjects were tackled, discussed and understood better. Most members contributed very validly; personal experiences and diverse situations were reflected upon with great sincerity and in the spirit of true friendship. The coffee break gave us some respite from serious thinking and we had some time to relax and become good friends. I must say that I worked wonderfully with Emma and Tony who prepared their work very diligently and who gave a good example of family living. Urieth's help was indispensable and of course as a team we did what we planned to do with God's help.

Now that the 12 sessions are over, I feel that they were sessions where we all learnt something from each other. Grandmothers have realized what a special role they have in society and how positive behaviour affects their little ones. Moreover, they now know that they have access to the open centre in Tarxien any time they need to.



I have already spoken with the parish priest who agrees that we should continue this Club on a yearly basis. We hope to add new ideas and find other nanniet who wish to join our group in a bid to help them and their

God bless them all.

*Josephine Chetcuti*

Volunteer Facilitator, M'Scala NannaKola Club

### *Speech ta' Emma waqt l-għeluq tal-Klabb NannKola ta' M'Scala*

Taħt it-tmexxija għaqlija ta' Urieth Aquilina, il-Koordinatriċi (Edukazzjoni Nanniet) fi ħdan is-St Jeanne Antide Foundation, Tony u jiena veru ħriġna kuntenti bir-riżultat li kellna bl-ewwel Klabb NannaKola f'Malta li l-Fondazzjoni organizzat f'Ħal Tarxien. Ftit xhur wara il-Fondazzjoni talbitna nkunu involuti ukoll fit-tieni Klabb, din id-darba f'Wied il-Għajn. Flimkien ma' Mrs Josephine Chetcuti li kont nafha qabel bħala Assistant Head tajba ħafna fl-iskola ta' Wied il-Għajn, dħalna b'qalbna u b'ruħna kollha għalih dan ix-xogħol ukoll. Bħal ma' ġara fil-Klabb ta' qabel, mal-ewwel ħassejna ruħna bħala familja waħda u ħdima b'ħeġġa kbira.

Intom il-membri tal-Klabb bdejtu tidħlu fid-diskussjoni li iffaċilitajna u tgħallimmna minn xulxin. Qsamna ideat sbieħ. Ridtu ħin itwal u ħin aktar biex nagħmlu l-krafts. Sirtu tafu li għandkom ħiliet biex tgħinu lil familja tagħkom. Bdejtu taħsbuha aħjar kif ma wieħed jista' ma jżidx tensjoni mal-qraba. Fuq kollox, ħassejtukom rilassati. Dan il-punt ħareġ kemm-il darba mill-feedback li tajtuna. Niftakru wkoll kemm tbissimna f'xi ice breaker u waqt l-krafts li kienu jkunu relatati mas-suġġett tal-ġurnata.

Issa sirna nafu fejn nistgħu mmorru għal għajnuna professjonali wkoll. Nafu li jekk irridu nistgħu nfittxu lil min jgħinna u jiddiriġina skont iċ-ċirkostanzi li nkunu fihom u li m'għandniex naqtgħu qalbna. Naddattaw rwieħna għall-bżonnijiet tal-familja, nagħżlu l-prijoritajiet, nirrilassaw, inqattgħu ħin ta' kwalità ma' uliedna u nempatizzaw mal-proxxmu biex nifmuh u nagħdruh aħjar. Rajna kif nistgħu nitgħallmu mat-tfal permezz tal-loghob u fl-istess ħin nedukawhom u nieħdu gost magħhom, niddjalogaw u nikkomunikaw. Fl-aħħarnett, tgħallimna wkoll kif nistgħu nqassmu l-ħin aħjar .

Nafu li kontu tistennewha minn ġimgħa għall-oħra. Ridtu li nkomplu sejrin. Imma issa l-Klabb wasal fi tmiemu ukoll. Però, mill-ftit li tkellimna flimkien tixtiequ li jkompli jsir xi ħaġa sabiex tibqgħu f'kuntatt bejnitekom.

Fuq kollox nixtieq nirringrazzja lil kull min għen biex isir dan il-Klabb Nannakola li qegħdin preżenti jiċċelebraw magħna u lilkom il-parteċipanti li ikkolaborajtu ħafna magħna biex jirnexxi. F'isem it-tim kollu: Josephine, Tony u jiena, nerġa' nirringrazzjakom.

*Emma Pulis,* Animatur (Klabb NannaKola)

### *Evalwazzjoni min-nanniet ta' Klabb Nannakola ta' M'Scala - 11 ta'Frar 2009*

***X'tgħallimt ġdid?***

- li miniex waħdi (1)
- kif nikkomunika aħjar mal-familja (1)
- kif nikkomunika aħjar man-neputijiet (1)
- sirt nikkontrolla ruħi (1)
- qed nirrispetta aktar il-ġenituri tan-neputijiet (1)
- qed nagħmel ħafna krafts mat-tfal (1)
- ħadt ħafna informazzjoni bżonnjuża (1)
- naqsam ideat ma' ħaddieħor (1)
- sirt nikkomunika aħjar (8)
- żviluppajt l-ħila ta' dixxiplina (8)
- sirt aktar nieħu ħsieb tiegħi nnifsi (8)

***Kemm int kunfidenti fit-trobbija tan-neputijiet?***
- Kunfidenti ħafna (4); mhux ħażin (6)

***Ħassejtek mgħejuna?***
- ħafna (8); mhux ħażin (2)

***Dan kien l-ewwel servizz fi grupp li użajt fil-komunità?***
- iva (10)

***Għalfejn użajt dan is-servizz?***
- biex ngħin lili nnifsi (10)

***Klabb NannaKola għen lill-familja tiegħi b'dan il-mod:***

- naqsam il-problemi li niffaċċja ma' ħaddieħor fl-istess ilma sabiex nieħu ħsieb aktar tan-neputijiet
- noħroġ mid-dwejjaq u tensjoni għax kont imkissra bl-aġir tal-ġenturi tat-tfal
- nirrealizzaw kont miexja fi triq it-tajba
- issa sirt iżjed kalma
- biex nifhmu u ngħinu aktar lil xulxin
- bdejna naħdmu flimkien
- meta nħossni għajjiena nitlob l-għajnuna
- tgħallimt nimxi aħjar mat-tifel u xtaqtu (l-Klabba) ma jispiċċa qatt.

***Nissuġġerixxi li nkomplu bħala grupp billi:***

- flok laqghat niltaqghu flimkien biex niddiskutu u nitkellmu
- diskussjonijiet ta'hbiberija
- noħorgu flimkien
- niltaqghu aktar b'aqktar nies
- naghmlu hargiet kulturali
- niltaqgħu mqar li kull ħmistax inżommu kuntatt
- nixtiequ l-grupp jikber u jerġa' jsir l-Klabb.

***Kif sirt taf bil-Klabb?:***
- minn ħabiba (2)
- mill-Parroċċa (6)
- minn oħrajn (2)



## Il-Familja u l-Anzjani

**- diskussjoni fil-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali**
**28 ta' Jannar 2009**

Uħud mill-kummenti li l-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali sema' dwar dan is-suġġett kienu dawn:

"...illum id-djar tan-nanniet tbiddlu f'*Child Day Care Centres*..."

"...il-*workforce* ta' pajjiżna ma tistax tkun dik li hi mingħajr is-sostenn tan-nanniet..."

"...il-maġġoranza tal-anzjani jgħixu fid-djar tagħhom... fis-sena 2015 hu mistenni li jkun hawn 77,000 persuna li għandhom 'il fuq minn 65 sena u fis-sena 2050 dan in-numru se jitla' għal aktar minn 100,000..."

"....fl-2007, wieħed minn kull ħames persuni kienu anzjani...u 3484-il anzjan kienu f'xi istituzzjoni tal-Istat, Gvern jew privata..."

"...imbierek dak l-anzjan li jsib l-appoġġ meħtieġ fi ħdan il-familja tiegħu stess u dan l-appoġġ ikun mogħti lilu b'sens ta' mħabba..."

Fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Jannar 2009, il-Kumitat iltaqa' mal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani. Tkellmet f'isem il-Kunsill is-Sinj. Helen Borg Bonnici. Hi spjegat lill-Kumitat kif skond statistika tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, in-numru tal-anzjani f'pajjiżna ser ikompli jiżdied. Hija qalet li llum, l-anzjani għandhom rwol importanti fis-soċjetà. Minn kmieni filgħodu l-ġenituri jafdaw il-kura tat-tfal lin-nanniet sabiex ikunu jistgħu joħorġu jaħdmu biex iħallsu l-*loans* u jlaħħqu mal-ħajja. Ħafna nanniet iwasslu t-tfal għall-iskola, imorru għalihom, itugħhom x'jieklu u saħansitra jgħinuhom fil-*homework* ukoll.

Għalkemm ikunu kbar fl-età u t-trobbija tan-neputijiet hija xi ftit jew wisq impenjattiva, dan l-impenn jagħmluh bl-akbar għożża. Is-sinj Borg Bonnici sostniet li d-djar tan-nanniet tbiddlu f'*Child Day Care Centres*. Kien diskuss ukoll ir-rwol akbar tan-nanniet meta l-familja titkisser. Filwaqt li n-nanniet iħossu dispjaċir kbir għas-separazzjoni tat-tfal tagħhom, huma jispiċċaw joffru kemm kenn kemm ukoll sostenn finanzjarju, kemm għat-tfal tagħhom kif ukoll għat-tfal tat-tfal tagħhom.

Dwar il-workforce ta' pajjiżna, intqal ukoll li l-ħaddiema huma appoġġjati mill-forza siekta fil-familja – in-nanniet. Li kieku ma jkunx hekk, il-ġenituri, partikolarment l-ommijiet, ma jkunux jistgħu joħorġu jaħdmu. Però, l-kontribut tal-anzjani u n-nanniet ma jwassalx biss s'hawn. B'eżempju u bil-kliem, l-anzjani jgħaddu lin-neputijiet dawk il-valuri li jkunu trawmu fihom huma. Fost il-valuri l-aktar importanti, issemmew:



- *l-għożża u l-ġabra minflok ġiri u sfrattu ta' ħbiberiji illeċiti;*
- *il-ġmiel tal-ħajja u sbuħija tal-ulied minflok il-qerda u l-mewt permezz ta' vizzji jew abort;*
- *l-għaqal li wieħed ifaddal għal meta jkollu bżonn minflok infiq ta' flus bla rażan mingħajr m'hemm il-ħtieġa; u*
- *ir-rikkezza u l-valur tal-edukazzjoni għat-tfal minflok l-injoranza u l-faqar fil-moħħ tal-bniedem.*

Meta l-anzjani jidħlu fil-**fażi ta' dipendenza** minħabba mard relatat mal-età, l-anzjan ikollu bżonn min jgħinu fl-attivitajiet tal-ħajja sabiex ikompli jgħix fid-dinjità. Minħabba ċ-ċirkustanzi soċjo-ekonomiċi, il-ħin li t-tfal jieħdu ħsieb l-anzjan jew il-ġenituri tagħhom f'dan l-istadju tal-ħajja sar limitat. Madanakollu, meta l-kura tippermetti, l-anzjani jippreferu jibqgħu jgħixu f'darhom fil-komunità milli jidħlu fi djar tal-anzjani. Minkejja is-servizzi tal-Istat fil-komunità u l-inizjattivi ta' night shelters u sheltered homes, l-anzjani għandhom jibqgħu jingħataw l-għajnuna mit-tfal jew qraba. Imbierek hu dak l-anzjan li jsib l-appoġġ meħtieġ fi ħdan il-familja tiegħu stess speċjalment meta dan l-appoġġ ikun mogħti lilu b'sens ta' mħabba u mingħajr ebda pretensjonijiet ta' flus u obbligazzjonijiet.

Il-qalb tal-anzjan tweġġa' ħafna meta jintebaħ li jkun sar ta' piż għal uliedu. Minn naħa l-oħra, ċertu ulied jaslu biex jieħdu passi tajbin meta jagħmlu arranġamenti bejn l-aħwa sabiex jassiguraw li l-anzjan ma joqgħodx waħdu matul il-lejl. Il-mard u n-nuqqas ta' wens u kumpanija ta' xi ħadd li jafdaw, kemm mill-familja u kemm mis-soċjetà, isarrfu għall-anzjan fi problemi ta' saħħa mentali u fiżiċi. Illum jeżistu wkoll forom differenti ta' vjolenza domestika li l-anzjan jista' jsofri fid-dar minn dawk li jkunu qed jieħdu ħsiebhom. Eżempji ta' dan huma t-testmenti sfurzati, rikatt u s-serq ta' pensjoni. Dan ta' min jikkundannah.

**Meħuda mill-Istqarrija għall-Istampa tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (DOI) – 30.01.2009**



**Kulħadd irid itir**

jixxabbtu ma' ħolma
fil-karnival
in-nannu u Marion
jippassiġġaw
taħt sema ikħal dawl

kulħadd idawwar rasu
ma' tħaxwix il-ġwienaħ
tal-anġli, u trab tal-fidda jleqq
u disinji ta' ċrieki mlewwnin

tbissima bla nifs, tleqqijja ta' dawl
par għajnejn imwessgħin
li xegħlu, u xehdu
"dejjem xtaqt inkun anġlu!"
il-ġwienaħ kollox, ħanini

in-nannu kien jaf
kif ma joħnoqx il-ferħ
tat-trab ileqq
għax huwa wkoll
xtaq ikun anġlu

iżd'għalih
il-maġija rjali ta' ġwienaħ u lwien
ma kinitx biżżejjed biex
tagħmlu anġlu
fil-qorti tar-re

x'tama kellu?
biss biss il-gwienaħ...
lilu ma jaħdmulux
u ħwejjeġ... kien
liebes wisq

iżd' għadda ftit żmien
u  nfetaħ għall-grazzja
u sam mill-kliem
u sam mill-ħsieb
u ħabbu dak iċ-ċkejken wiċċ
ta' Marion, sakemm, friski
u ħafn' inqas minn perfetti

taħt dis-sema ikħal dawl.
żewġ persuni, w'aktar,
infetħu bil-għaġeb
u mxew u daħlu
fir-renju tas-smewwiet.

tony macelli 23-Feb-09

***F'din il-ħarġa ser niltaqgħu ma'......***

Ismek u Kunjomok:
***Louise Cassar***

Data tat-twelid:
***25 Lulju 1938***

Fejn Twelidt:
***L-Isla***

Fejn Toqgħod:
***Ħal Tarxien***

Stat:
***Armla***

Tfal:
***Marija, 41 sena u Richard 36 sena.***

***X'inhu ir-rwol tiegħek fil-fondazzjoni:***
Receptionist, ngħin fil-homework club u fejn ikun hemm bżonn.

***Kumment fuq Louise:***

Louise hija mara qalbha tajba ħafna u voluntiera dedikatissima li tista' tistrieħ fuqha. Hija wkoll nanna li tieħu ħsieb lin-neputijiet tagħha kull meta jkun hemm bżonn. Ġieli ġġib magħha lin-neputija Lisa li tmidd idejha fl-uffiċċju għax tieħu pjaċir tgħin ukoll. Grazzi Louise tat-tbissima kostanti tiegħek u tal-kontribut siewi tiegħek fi ħdan l-organizzazzjoni.



# Aħbarijiet minn gruppi oħra kollaboraturi tas-Sorijiet tal-Karità

## *SoC Missions Fundraising Group*

Fl-ewwel xahrejn ta' din is-sena, aħna kellna dawn l-attivitajiet:

- Fit-13 ta' Jannar sar Irtir għall-membri kollha. Dan sar id-dar tas-sorijiet M'Scala. Attendew 20 persuna. Dun Godfrey Grima lestielna xi mistoqsijiet li kellna nsaqqsu lil xulxin dwar l-esperjenzi tagħna u l-valuri li aħna nagħtu lil-ħidma tagħna. Kien teamwork effort ġdid għal xi membri u minnu ħareġ ħafna tagħrif interessanti. Wara kellna lunch flimkien.
- Fl-ewwel ta' Frar organizzajna Afternoon Tea f'St. Thomas Complex, M'Scala. Għal din l-attivita' attendew 100 persuna u kien ta' suċċess kbir. Fl-aħħar jum tal-Karnival, fl- 24 ta' Frar, sar Coffee Morning fl-istess post u għalih ġew 80 persuna. It-tfal ġew bil-kostum tal-karnival u dawn inagħtaw borża bil-ħelu u rigal zgħir. Din kienet okkazzjoni oħra sabiħa fejn tara n-nies lesti jagħtu li jistgħu għall-Missjoni.

Nirringrazzjaw lill-Providenza li Alla dejjem jipprovdi permezz ta' persuni ġeneruzi.

*Doris Seguna*

## *Grupp Ħbieb Ta' Giovanna Antida*

L-irtir li jmiss tal-Grupp tal-Ħbieb ta' Giovanna Anitida ser jiġi organizzat nhar:

***is-Sibt 21 u l-Ħadd 22 ta' Marzu, fil-Paradise Bay Hotel, Cirkewwa.***

Nibdew is-Sibt fit-3.00 p.m. u nispiċċaw il-Ħadd għall-ħabta ta' 4.00 p.m.

Din id-darba ser ikollna magħna grupp ta' sorijiet. Qed nistiednu wkoll il-voluntiera li jaħdmu fil-**Grupp SoC Missions Fundraising Group,** u lil dawk li jaħdmu mal-**Fondazzjoni Santa Giovanna Antida**

Billi din is-sena qed niċċelebraw is-sena Pawlina, is-Sibt ser niddeikawh għal waħda mill-ittri ta' San Pawl: **L-ITTRA LILL-FILLIPPIN.**

Il-Ħadd ser jingħaqad magħna **FR. RENE CAMILLERI.** Is-suġġett li ser ikunu ittrattat filgħodu ser jittieħed mill-ittra tal-Madre ġenerali: ***IF MAN DOES NOT HAVE TIME FOR GOD, ON THE CONTARY GOD HAS TIME FOR MAN.***

Il-prezz hu ta' € 32 (Lm 13.75c) u ser jinkludi ċ-ċena tas-Sibt, il-kolazzjon u l-pranzu tal-Ħadd (buffet), kif ukoll żewġ coffee breaks. Il-prezz jinkludi ukoll donazzjoni għall-Father.

**Jekk inti interessat/a u tixtieq iktar tagħrif ċempel lil Geraldine fuq in-numru 21632327 jew ibgħat SMS fuq 79632328, jew lil Jessie fuq 21826828. Kull min hu interessat għandu jagħmel il-booking sa mhux aktar tard mit-Tlieta 10 ta' Marzu 2009. Jekk ikun hemm konkorenza tajba nistgħu nagħmlu wkoll xi arranġamenti għat-trasport.**

**Il-Paċi magħkom.**

*Jessie Spiteri*

**Ċentru Antida**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Winter Opening Hours: | Monday | 8:00 to 12:30 | 13:30 to 19:00 |
| | Tuesday | :00 to 12:30 | 13:30 to 17:00 |
| | Wednesday | 8:00 to 12:30 | 13:30 to 19:00 |
| | Thursday | 8:00 to 12:30 | 13:30 to 17:00 |
| | Friday | 8:00 to 12:30 | 13:30 to 19:00 |

**Correspondence Address**
Ponderosa
Triq l-Ikħal
M'Scala MXK3623
Malta
Tel no. 27636819
email: adrmir@onvol.net